MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 419/2014

**Favell Wines and Spirits Limited**
**C 37343**

**Vs**

**Noel Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2014 illi ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici minghand il-konvenut ghal merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata ghal kazin tal-Partit Laburista, Qormi.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpelatorja tas-27 ta' Mejju, 2014 u bl-imghax legali mill-10 ta' Jannar, 2014 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda' baqa inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2014 is-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija erbgha u tlettin ewro u sebghin centezmu (€534.70) bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Jannar, 2014, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Mejju, 2014 ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------